



Brussell, 29 ta' Novembru 2018  
(OR. en)

14892/18

---

**Fajl Interistituzzjonal:**  
**2018/0355(NLE)**

---

**SCH-EVAL 238**  
**FRONT 421**  
**COMIX 664**

**NOTA PUNT "I/A"**

---

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill

Nru. dok. preċ.: 14891/18

Suġġett: Abbozz ta' Deċiżjoni ta' implementazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkmandazzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2017 **tan-Netherlands** dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam **tal-ġestjoni tal-fruntiera esterna** (Punti ta' Qsim tal-Fruntiera EUROPOORT, Hoek van Holland, Rotterdam L-Ajruport ta' the Hague u ċ-Ċentru Nazzjonali ta' Koordinazzjoni)

---

1. Wara l-adozzjoni mill-Kunsill tar-Regolament (UE) Nru 1053/2013 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen, grupp ta' esperti mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni wettqu evalwazzjoni tal-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen min-Netherlands fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntiera esterna fl-2017.

2. F'konformità ma' dak ir-Regolament, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkmandazzjoni mfassla biex tindirizza n-nuqqasijiet identifikati matul dik l-evalwazzjoni u biex tiżgura li n-Netherlands japplika b'mod korrett u effettiv ir-regoli kollha ta' Schengen relatati mal-ġestjoni tal-fruntiera esterna tal-art.

3. Il-Grupp ta' Ħidma dwar Materji Relatati ma' Schengen (Evalwazzjoni), inkluż is-sħab tal-Kumitat Imħallat in-Norveġja, l-Iżlanda, l-Iżvizzera u l-Liechtenstein, approvaw il-proposta għad-Deċiżjoni ta' Implantazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkmandazzjoni fit-28 ta' Novembru 2018.
  4. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jirrakkomanda li l-Kunsill jadotta l-abbozz ta' Deċiżjoni ta' Implantazzjoni tal-Kunsill, kif jinsab fid-dokument 14891/18, bħala punt 'A' f'waħda mil-laqgħat li jmiss.
-